**15 ta' Mejju, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T..O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. J. Flores B.L. Can., LL.D.**
**Onor. Prof. Jos. H. Xuereb, LL.D.**

**Reno Gatt**

*versus*

**Joseph Cost Chretien et.**

**BEJGH — DETERMINAZZJONI TAL-PREZZ—XHIEDA — INTERESS**

*Biex ikun hemm bejgħ, skond il-liġi jeħtieġ li l-prezz jiġi stabbilit u speċifikat mill-partijiet. Jista' il-prezz jiġi mħolli għad-deċiżżjoni ta' persuna waħda jew iżjed speċifikati mil-partijiet, jew għad-deċiżżjoni ta' espert jew esperti mhux hekk speċifikati, u jista wkoll isir bejgħ bil prezz tas-suq fi żmien determinat. Iżda f'kull waħda minn dawn id-diversi ipotesijiet jinħtieġ jirriżulta illi dak kien il ftehim bejn il-partijiet.*

*L-interess hi ċirkustanza li wieħed għandu jżomm in vista fl-apprezzament ta' xhud, iżda dan mhandux jiġi eżaġerat.*

Il-Qorti, Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta illi huwa biegħ lill-konvenut diversi mediċini u oġġetti ta' spiżerija bil-prezz ta' mitejn u tlettin ... (£230.0.0.) liema oġġetti ġew fil-fatt konsenjati lill-... skond ma jidher mid-dokument "A" pro-... att ta' ċitazzjoni — u li l-konvenut irrif-

juta li jħallas, għalkemm interpellat — talab illi l-istess konvenut, għar-raġunijiet premessi, jiġi kkundannat iħallas lilu s-somma fuq imsemmija ta' mitejn u tlettin lira (£230.0.0), bl-imgħax legali. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha ssottometta.

Illi l-merkanzija fuq indikata ma ġietx mibjugħa imma mogħtija in konsenja.

Illi l-kont mitlub mill-attur m'hux korrett billi l-merkanzija mogħtija in konsenja kellha valur ta' ħamsin lira, tlettax il-xelin u tmien soldi (£50.13.8).

Rat is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tas-sbatax (17) ta' Mejju, 1963 li biha t-talba ta' l-attur ġiet milqugħa bl-ispejjeż, wara li kkunsidrat:—

Illi għalkemm il-konvenut fix-xhieda tiegħu ċaħad li xtara l-oġġetti indikati fl-att ta' ċitazzjoni u afferma u sostna illi l-ftehim li kien hemm bejnu u l-attur riferibilment għall-istess oġġetti kien li dawn kellhom jiġu mibgħutin għandu in konsenja, u in sostenn ta' dan ipproduċa bħala xhieda lis-"Sales girl" Mary Testa, lill-"compounder" William Buhagiar u lil Maurice Fiorini li in sostanza qalu li l-konvenut kien jgħidilhom biex iżommu l-istess oġġetti separati minn oħrajn għaliex dawk l-oġġetti li kienu ta' l-attur kienu qegħdin hemm, jiġifieri fl-ispiżerija tiegħu, in konsenja; iżda mix-xhieda ta' l-attur u minn dik tal-"compounder" Carmelo Borg jirriżulta soddisfaċentement illi l-istess oġġetti ġew mibjugħa lill-konvenut; u lanqas ma jista jingħad li vendita ma kienx hemm għaliex ma kienx

hemm prezz billi mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta li prezz kien hemm u dana kien il-"cost price" ta' l-oġġetti b'riduzzjoni tal-għaxra fil-mija (10%).

Illi, riferibilment għall-eċċezzjoni tal-konvenut li l-valur ta' l-oġġetti hu ta' ħamsin lira, tlettax il-xelin u tmien soldi (£50.13.8) u mhux dak indikat fl-att ta' ċitazzjoni, jirriżulta illi l-prezzijiet ġew magħmula in parti mill-imsemmi "compounder" Borg u in parti mill-ispiżjar imqabbad mill-attur, fuq lista ta' l-oġġetti riċevuti mill-konvenut preparata mill-istess "compounder" Borg, bir-riduzzjoni tal-għaxra fil-mija (10%) li fuq issemmiet, u l-konvenut ma ġab l-ebda prova in sostenn ta' l-pretensjoni tiegħu li l-valur ta' l-oġġetti hu ta' ħamsin lira, tlettax il-xelin u tmien soldi (£50.13.8).

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata u t-talba ta' l-attur tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

L-eċċezzjonijiet tal-konvenut in prim'istanza kienu tnejn; l-ewwel illi l-merkanzija msemmija fiċ-ċitazzjoni ta' l-attur ma kienetx ġiet "mibjugħa" lilu iżda ġiet biss mogħtija "in konsenja"; it-tieni illi l-kont eżibit maċ-ċitazzjoni ma kienx korrett billi, kif kellu jirriżulta, il-valur tal-merkanzija kien biss ta' ħamsin lira, tlettax il-xelin u tmien soldi (£50.13.8) flok mitejn u tlettin lira (£230).

Bis-sentenza appellata ġew sostanzjalment miċħudin iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut hawn fuq imsemmija, in kwantu li t-talba ta' l-attur ġiet milqugħa fl-interezza tagħha.

Issa l-konvenut jilmenta fil-petizzjoni ta' l-appell illi rigward it-tieni eċċezzjoni tiegħu ma ġew sottomessi quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ebda provi, billi kienet qegħda tiġi kunsidrata u trattata biss l-ewwel kwistjoni, ċioe jekk kienx hemm bejgħ bejn il-partijiet inkellha sempliċi konsenja. Il-kwistjoni l-oħra tal-valur kellha tiġi trattata fi stadju ieħor, fil-każ li kien jiġi deċiż illi kien hemm bejgħ. Difatti in-noti ta' l-osservazzjonijiet sottomessi mill-partijiet illimitaw ruħhom għall dik il-kwistjoni.

Mill-proċess jidher illi, fil-bidu tal-kawża, l-intenzjoni kienet evidentement kif jgħid l-appellant. Skond il-verbal fol. 10, infatti l-ewwel Qorti ordnat li "għal issa jinstemgħu l-provi meħtieġa biss biex jiġi aċċertat jekk l-oġġetti ġew mibjugħa mill-attur jew minn dan mogħtija in konsenja".

Fil-verbali sussegwenti, wara li nstemgħu l-provi li nġiebu, ma tidherx li saret espressament l-istess limitazzjoni. Il-verbali fol. 41 u 42 jgħidu illi "l-attur eżawrixxa l-provi tiegħu" u l-verbal fol. 57 jgħid illi "l-konvenut ma kellux aktar provi x'jipproduċi." Eventwalment il-kawża ġiet differita "għas-sentenza in difett ta' ostakolu" u ġiet fil-fatt deċiża fis-sbatax ta' Mejju, 1963 fuq il-meritu kollu, kif intqal.

Fiċ-ċirkostanzi kif jidhru li ġraw, il-Qorti taħseb li jista jkun illi l-appellant baqa bl-impressjoni illi l-ewwel sentenza kellha tirrigwarda biss l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, kif kien intqal fil-verbal fol. 10. Difatti huwa veru illi, dwar il-

valur, m'hemmx fil-proċess anqas da parti ta' l-attur ħlief il-kont fol. 4 li jindika, għar-rigward tal-mediċinali, l-allegat valur totali tagħhom, mentri fix-xhieda ta' l-attur issemmew listi ta' l-oġġett bil-prezzijiet relativi ta' kull ħaġa kif magħmulin mill-compounder Borg u minn spiżjar li ma ġiex mogħti ismu — liema listi fuq din il-kwistjoni kienu ndubbjament ikunu mportanti. Jidher wkoll illi fil-lista taxxhieda tiegħu l-appellant kien indika diversi ismijiet ta' persuni li hu kien bi ħsiebu iressaq biex jikkonfermaw "il-kwantita u valur tal-merkanzija konsenjata", u dawn ixxhieda ma ġewx prodotti. Anki meta xehed, il-konvenut ma ttrattax fuq it-tieni eċċezzjoni tiegħu, li anqas ġiet imsemmija jew trattata fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, li llimitat ruħha biex tiddiskuti biss l-ewwel kwistjoni.

Pero dwar dan l-ilment ta' l-appellant il-Qorti ma jidhrilliex li hemm bżonn issa li jiġi mogħti ebda provvediment u dan għaliex il-Qorti, wara li eżaminat il-provi u ħasbet fuqhom jidhrilha illi l-appell tal-konvenut hu fondat fuq l-aggravju prinċipali tiegħu, ċioe illi ma ġiex pruvat soddisfaċentement illi n-negozzju li sar bejn il-partijiet kien bejgħ.

S'intendi huwa ċar illi biex ikun hemm bejgħ, skond il-liġi, jinħtieġ illi "l-prezz jiġi stabbilit u speċifikat mill-partijiet." Jista l-prezz jiġi mħoll għad-deċiżjoni ta' persuna waħda jew iżjed speċifikati mill-partijiet jew għad-deċiżżjoni ta' espert jew esperti mhux hekk speċifikati, u jista wkoll isir bejgħ bil-prezz tas-suq fi żmien determinat. Iżda, f'kull waħda minn dawn id-diversi ipotesijiet jinħtieġ jirriżulta illi dak kien il-ftehim bejn il-partijiet.

Issa dwar il-ftehim fuq il-prezz preżenti m'hemmx ħlief ix-xhieda ta' l-appellat miċħuda mill-appellant. Dana

josserva, fil-fehma tal-Qorti mhux bla raġun, illi fl-ewwel deposizzjoni tiegħu mogħtija fit-tlettax ta' April, 1962, l-appellat ma kienx bla ebda mod semma li, bejnu u l-appellant, kien sar ebda diskors fuq il-prezz. Semma biss illi hu kien qal lill-Compounder Borg li fil-każ li l-appellant jixtri xi ħaġa minn dak li kellu, hu jagħmillu riduzzjoni ta' l-10% fuq il-prezz tal-fattura, u li, wara li kkonsenja l-oġġetti, kien talab lill-Borg biex jipprepara lista ta' l-oġġetti bil-prezzijiet tagħhom.

Carmelo Borg, ikkonferma illi l-appellat kien talbu biex jagħmillu l-prezzijiet u kien ta' spiss wara jinsisti miegħu halli jagħmillu dik il-lista izda jikkontradiċi lill-appellat dwar iċ-ċirkostanzi l-oħra, aktar importanti. Carmelo Borg, barra milli xehed illi "lill-konvenut qatt ma qallu l-prezzijiet li kien jippretendi l-attur", insista jgħid repetutament illi lilu stess l-appellat qatt ma semmielu prezzijiet. "L-attur qatt ma qalli prezzijiet": "l-attur qatt lili ma qalli kemm jippretendi li jieħu mingħand il-konvenut għall-immsemmija mediċini."

Kien biss meta raġa xehed fit-tmientax ta' Mejju, 1962 illi l-appellat qal li kien, meta xehed l-ewwel darba, "nesa jgħid" illi kien semma lill-appellant "li kien ser jagħmel bargain għax kien sejjer jagħmillu riduzzjoni ta' 10% u l-appellant irrispondieh bil-kliem "iva", "iva". Din iċ-ċirkostanza ġiet kategorikament miċħuda mill-appellant. Oltre dan, anki fiha nnifisha, anqas tant tidher verosimili u reali. Mhux minn 'awl id-dinja li ftehim dwar il-prezz ta' merkanzija ta' valur ta' mitejn u erbgħa u tlettin lira (£234), kif allegat mill-appellat, bejn żewġ negozzjanti, isir b'dan il-mod hekk irrealment każwali.

Fl-aħħar mill-aħħar ma jidhirx illi skont ta' 10% fuq il-kost, dwar merkanzija li dak il-ħin l-appellant anqas kien

ra u ma jidherx li kien jaf kemm kienet ġdida jew qadima, jew f'hiex kienet tikkonsisti u jekk kienetx kummerċjabbli, kienet offerta talment attrajenti illi negozzjant jikkonkludi minnu fih kuntratt fuqha, sempliċement billi jnizżel rasu għaliha bil-kliem "iva", "iva", meta anki jaf illi l-bejjiegħ hu kostrett, għax għalaq in-negozzju, li b'xi mod jeħles minnha.

Imma oltre dan, il-Qorti taħseb illi, anki l-ittra stess ta' l-appellat, titfa dubju fuq it-tieni xhieda tiegħu. Ma din l-ittra l-appellat kien bagħat lill-appellant kont, preżumibilment bħal dak fol. 4, u kien qallu illi hu sata faċilment jiċċekkja mal-lista li kellu. Imbagħad spiċċa jgħidlu: "Kindly note that I am allowing a discount of 10% on the overall value." Fil-fehma tal-Qorti dan mhux kliem li juri illi bejniethom kien hemm ġa ftehim preċedenti dwar dan li skont. Kieku kien hemm ġa ftehim f'dak is-sens mill-bidu wieħed raġonevolment jistenna illi l-kliem ta' l-appellat f'dik l-ittra kien ikun wisq differenti.

Fin-nota tiegħu l-appellat ripetutament afferma illi d-deposizzjoni tiegħu hi "korroborata" u "konfermata" minn Carmelo Borg "xhud indipendenti u mportanti", kif ukoll miċ-ċirkostanzi ta-każ. Pero l-Qorti ġa rrilevat aktar il-fuq illi, fuq iċ-ċirkostanzi fondamentali u l-aktar kontroversa dwar jekk kienx hemm ftehim fuq il-prezz, u kwindi kienx hemm bejgħ fis-sens tal-liġi, Carmelo Borg mhux talli ma jikkonfermax u ma jikkorroborax lill-appellat iżda talli jikkontradiċieh. Kwantu, mbagħad, għaċ-ċirkostanzi tal-każ, ġie wkoll rilevat illi, fil-fehma tal-Qorti, ċ-ċirkostanzi pjuttost jeskludu milli jindikaw li dak il-ftehim sar, bil-mod li jippretendieh l-appellat.

Inveċe d-difiża ta' l-appellant fis-sens illi n-negozzju li sar kien biss konsenja, tidher li kienet konsistenti fih mill-

bidu nett. L-appellat in-nifsu xehed illi meta hu talab lill-appellant biex iħallsu — u jidher li din kienet l-ewwel darba li hu kellem lill-appellant fuq din il-ħlas — l-appellant ir-rispondieh: "Kif dawk l-affarijiet mhux in konsenja taj-thomli?" Din baqgħet it-teżi ta' l-appellant meta kiteb l-ittra u issa meta xehed f'din il-kawża. Din it-teżi tidher korroborata enfatikament mix-xhieda ta' Mary Testa, William Buhagiar, u Maurice Fiorini li t-tlieta qalu illi l-appellant kien ordnalhom biex il-mediċini li kien ħa mingħand l-appellat iżommhom separati għalihom għaliex ma kienux tiegħu imma kienu ta' l-appellat u kienu għandu biss in konsenja.

Fin-nota tiegħu l-appellat qal illi x-xhieda ta' dawn it-tlieta min-nies ma għandiex valur legali għax hija "detto del detto". Dan l-appunt hu għal kollox infondat għaliex, rigward din iċ-ċirkostanza, huma xehdu fuq dak li qal u ordnalhom stess l-appellant u fuq il-fatt li huma stess kienu raw b'għajnejhom illi ċioe dawk l-oġġetti kienu jinżammu separati għalihom. Osserva wkoll l-appellat illi dawk it-tliet xhieda kienu qegħdin jirriferixxu għa[illegible] meta "diġa kien beda l-inkwiet bejn il-partijiet". Iżda din hi allegazzjoni gratwita li tagħha m'hemm ebda prova fil-proċess. Anqas mill-provi ta' l-appellat ma jidher [illegible] n negozzju sar. L-ittra ta' l-appellat inkitbet fit-[illegible] ta' Mejju, 1961. Anki jekk, kif donnu jidher mir-risposta ta' l-appellant qabilha kien hemm korrispondenza oħra, jibqa dejjem illi Buhagiar kien impjega ruħu ma l-appellant sa minn Awwissu 1960 u Mary Testa sa minn Jannar, 1961 u t-tnejn mill-bidu sabu eżistenti ġa dik is-segregazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni. Assolutament xejn m'hemm fil-proċess li juri illi l-appellant għamel din is-segregazzjoni wara li nqala l-inkwiet ma l-appellat.

Fl-aħħarnett l-appellat josserva illi dawn it-tliet xhie-

da huma b'xi mod interessanti għax tnejn minnhom kienu mpjegati ma l-appellant u l-ieħor kien żewġ bintu. Bl-istess argument ta' l-interess, wieħed kien ikollu jeskludi wkoll, anzi "a fortiori", ix-xhieda ta l-istess appellat! Ċertament l-interess hi ċirkostanza li wieħed għandu jżomm in vista fl-apprezzament ta' xhud; iżda dan ma għandux jiġi eżaġerat u forsi anqas hu ġust li wieħed, bla ebda ġustifikazzjoni oħra, jinsinwa li xhieda xehdu l-falz sempliċement għaliex kienu fl-impieg ta' waħda mill-partijiet, meta qed jixhdu fuq fatti li jistgħu jixhdu fuqhom appuntu għax kienu f'dak l-impieg u mħabba f'hekk kienu jafu bihom.

Ġie fl-aħħarnett sottomess mill-appellat illi x-xorta ta' merkanzija in kwistjoni hi ndikazzjoni kuntrarja għannegozzju ta' konsenja. Dan jista jkun veru: iżda jekk ma ġiex pruvat, kif il-Qorti tirritjeni li ma ġiex pruvat soddisfaċentement, illi fil-fatt sar ftehim fuq il-prezz, il-Qorti ma tistax tirritjeni li sar bejgħ. Talvolta l-appellat sata ma japprezzax l-indispensabbilita legali ta' dan ir-rekwiżit. Talvolta hu sata ħaseb li qed ibiegħ waqt illi l-appellant aċċetta l-arranġament għax fehem illi kien qed jirċevi konsenja. Fi kwalunkwe każ jonqos l-'idem placitum' li jikkostitwixxi l-bejgħ.

Mill-banda l-oħra wkoll, jekk anki hu veru illi mediċinali mhux soltu li jingħataw in konsenja, anqas jidher, filfehma tal-Qorti, li hi ħaġa solita jew verosimili illi sid ta' spiżerija jixtri kwantita assortita ta' dik ix-xorta ta' merkanzja, għall-ammont relativament mhux inkonsiderevoli, minn spiżerija oħra li għalqet, bla ma jaf xinhi u bla ma jaraha. Inveċe atteġġjament simili hu wisq aktar konsistenti ma' konsenja fejn ir-responsabbilita assunta hi limitata. Inoltre l-appellat ma tantx jidher, almenu minn dak li hemm fil-proċess, illi kellu wisq xelta; dan jista jiġi ntravedut minn dak li hu stess xehed li sab lill-Borg "u qallu jara

jistax jipperswadi lill-konvenut biex jiehu l-medicinali li kien fadallu jew xi parti minnhom."

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu, salv kull rimedju iehor li l-attur jista ghandu skond il-ligi.